MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. NEVILLE CAMILLERI

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2011

Numru. 112/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**Vs**

**Joseph Camilleri**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra 'l hawn fuq imsemmi Joseph Camilleri, bin George u Nazzarena neé Attard, imwieled fil-25 ta' Ottubru 1970 u residenti fil-fond Neqnieq, Triq il-Madonna tal-Karmnu, Munxar, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' numru 27870(G) li gie akkuzat talli bejn l-10 ta' Novembru 2010 u l-10 ta' Jannar 2011 u

specifikament nhar l-10 ta' Novembru 2010 fi Triq il-Madonna tal-Karmnu, Munxar, Ghawdex;

1. Gab ruhu b'mod li ta fastidju lill-familja Parnis Joseph, Antonia, Loridana meta nstalla CCTV camera mal-faccata tieghu u b'xi mod qieghda ppuntata lejn il-bieb tar-residenza ta' Parnis;

2. U talli gab ruhu b'mod li kien jaf jew messu kien jaf li din l-installazzjoni kienet u hija ta' fastidju ghall-familja Parnis.

Il-Qorti giet gentilment mitluba illi f'kaz ta' htija tordna l-hati jnehhi l-inkonvenjent li bih sar ir-reat;

Rat id-dokumenti

Semghet il-provi

Peress illi ma jirrizultawx l-elementi li jikkostitwixxu r-reat ta' fastidju, il-Qorti tillibera lill-imputat mill-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------